MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 3111/1996/1

**Bernard sive Benny Xerri u martu**
**Emanuela sive Liliana Xerri**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

Dan huwa appell intavolat mill-Kummissarju tal-Pulizija wara sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Marzu, 2000 li kienet laqghat it-talba tal-konjugi

Xerri, bl-ispejjez kontra taghhom, maghmula pemezz ta' rikors ipprezentat fit-30 ta' Ottubru, 1996, billi gie dikjarat li l-flus u l-proprjeta` immobiljari deskritta fir-rikors promotur kienet giet akkwistata b'mezzi u minn fondi illi ma ghandhom x'jaqsmu xejn mat-twettiq ta' xi offiza taht il-Kap. 101, u lanqas ma hija proprjeta` illi giet akkwistata direttament jew indirettament permezz jew minhabba xi profitti minn tali offiza; u li, konsegwentement, ordnat ir-revoka tal-konfiska ordnata mill-Qorti Kriminali bis-sentenza tas-27 ta' Settembru, 1996, b'mod li tali proprjeta` irrivertiet fil-pussess u proprjeta` ta' Bernard Xerri.

**Ir-rikors promotur.**

B'rikors intavolat fit-30 ta' Ottubru, 1996 il-konjugi Xerri kienu, in sosten tat-talba taghhom, ippremettew li:
"b'sentenza tal-Qorti Kriminali fl-atti ta' l-Att ta' l-Akkuza Nru. 7/1996 fl-ismijiet Republika ta' Malta vs Bernard sive Benny Xerri, moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 1996, l-esponenti Bernard sive Benny Xerri instab hati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames kapi ta' akkuzi dedotti kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(3a) ta' l-Ordinanza dwar ……….. Kap 101 ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra u tal-proprjeta` immobbli kollha ta' l-imsemmi Bernard sive Benny Xerri ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat fit-23 ta' Gunju 1994 ghaddiet ghand terzi persuni;

"effettivament, Bernard sive Benny Xerri huwa proprjetarju, u kien fit-23 ta' Gunju 1994 proprjetarju biss tan-nofs indiviz (stante il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn ir-rikorrenti l-ohra) tas-segwenti:

a) id-dar fi Pjazza Vittorja, Xaghra numri tmenin u wiehed u tmenin (80 u 81);
b) zewg kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta Limited wiehed Fixed, bin-numru 12401096038 u l-iehor Savings bin numru 12401096012.

“l-esponenti jistghu juru illi din il-proprjeta` kollha giet akkwistata b’mezzi u minn fonti illi ma ghandhom xejn x’jaqsmu mat-twettiq ta’ xi offiza taht il-Kap 101, u lanqas ma hija proprjeta` illi giet akkwistata direttament jew indirettament permezz jew minhabba xi profitti minn tali offiza;

“inoltre din il-proprjeta` fuq indikata ma kellha x’taqsam xejn mat-twettiq ta’ l-akkuzi addebitati lil Bernard Xerri, u lanqas ma kienet tintuza ghall-koltivazzjoni tal-cannabis da parti tieghu.”

Dan premess il-konjugi Xerri kienu talbu dak li gie eventwalment akkolt bis-sentenza tad-29 ta’ Marzu, 2000 u kif riportat hawn fuq.

**Is-sentenza appellata.**

Fis-sentenza fuq imsemmija, wara li gew riprodotti t-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll ir-risposta ta’ l-intimat, u wara li saret rassenja tax-xiehda moghtija f’dawk il-proceduri, il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

“**Kontestazzjoni.**

“Ir-rikorrenti qed jissottomettu li mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li huma hallsu d-dar de quo kif ukoll il-vettura Mitsubishi Lancer, ta’ valur meta inxtrat, ta’ mhux aktar minn LM5,000 minn flus li ghandhom provenjenza legittima u m’ghandha x’taqsam xejn mal-koltivazzjoni tal-cannabis illi taghha r-rikorrent Bernard Xerri kien instab hati.

“Jirrizulta mill-provi li l-fond fejn instabu l-pjanti tal-cannabis u r-residenza tar-rikorrent jinfdu.  Jirrizulta wkoll, u dan gie ammess mir-rikorrent, li hu kien qed jikkoltiva l-pjanta cannabis, u dan mhux fi kwantita` zghira.

“F’dan il-kaz ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-proprjeta` mobbli jew immobbli konfiskata ma kenitx profitti jew dhul mill-ghemil ta’ xi reat taht il-Kap 101 u lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament,

minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk. (Ara Art. 22C Kap 101).

“Ir-rikorrenti esibew nota a fol. 180 li turi t-trasferimenti maghmula minn Emmanuela Xerri u ohrajn ta’ proprjeta` parafernali taghha li hija wirtet minn naha ta’ ommha. Total inkassat LM31,989 minnha u ohrajn minn 1980 sal-1993. Minn bejgh ta’ zewg proprjetajiet fl-1991 u 1993 E. Xerri dahlet is-somma ta' LM5,000. Id-dar matrimonjali kienet inxtrat LM12,000, isselfu LM9000 mill-Lohumbus u l-konjugi Xerri ha[r]gu minn buthom LM3000. Ftit jiem qabel huma kienu ghadhom kif dahhlu LM3000 minn bejgh ta’ proprjeta`. Bejniethom bhala paga ghal perjodu 1990 – 1996 kellhom total fi flus LM16,771. Dawn il-fatti ma gewx kontestati.

“Illi mill-provi prodot[t]i l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li r-rikorrenti irnexxilhom jipprovaw li kemm mill-proprjeta` li kellhom (dika parafernali tal-mara) kif ukoll bil-pagi taghhom (t-tnejn jahdmu) li d-dar residenzjali u l-karozza xtrawhom b’mezzi legittimi. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li r-rikorrenti kienu hadu loan mill-bank u ghandhom wild wiehed biss.”

**L-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

Il-Kummissarju tal-Pulizija hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fis-17 ta’ April, 2000 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu kkundannat lir-rikorrenti appellati biex ihallsu l-ispejjez tal-kawza u billi thassarha fil-kumplament taghha u tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Il-konjugi Xerri pprezentaw risposta ghall-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn, in linea preliminari, issollevaw pregudizzjali fis-sens li, b’mod irregolari, fir-rikors tieghu l-appellanti issolleva eccezzjonijiet godda. Eccezzjonijiet li, mhux biss ma kienux gew moghtija in Prim Istanza izda lanqas ma gew kunsidrati fis-sentenza appellata. Dan premess l-appellati ssottomettew li s-

sentenza appellata hija gusta u ghalhekk talbu li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi konfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-appellant.

**L-aggravji tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

Fir-rikors ta’ l-appell jidher li gew imressqa tlett aggravji kontra s-sentenza fuq imsemmija, u cioe li:

a) L-Artikolu 22C tal-Kap 101 japplika biss ghal-proprjeta` li tkun giet konfiskata taht “il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza” (u cioe` ghal dik il-proprjeta` illi ghad li ma tkunx intuzat fl-ghemil tar-reat tkun tal-hati) ma setax jigi applikat ghal proprjeta` li tkun giet konfiskata in forza ta’ l-Artikolu 22(3A)(a) tal-Kap 101.

b) il-karozza “Mitsubishi Lancer” ma kenitx inkluza fir-rikors promotur.

c) Il-kriterju adottat ghar-rigward tal-prova mehtiega huwa permessiv wisq.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok ghandha tigi ezaminata l-pregudizzjali sollevata mill-appellati ghall-ewwel zewg aggravji tal-Kummissarju tal-Pulizija. F’dan il-kuntest, ir-risposta taghhom, l-appellati qed jissottomettu s-segwenti:-
“in linea preliminari l-esponenti jissottomettu illi mhuwiex permissibbli lil xi wahda mill-partijiet illi fi stadju ta’ appell tqajjem eccezzjonijiet godda illi ma jkunux gia gew sollevati quddiem il-Qorti ta’ Prim Istanza per via ta’ aggravju mis-sentenza appellata.”

Din is-sottomissjoni qeghdha ssir billi, skond l-appellati, l-aggravju li jikkoncerna l-applikabilita` ta’ l-Artikolu 22C ghall-kaz odjern, u dak rigwardanti l-preskrizzjoni estintiva ta’ l-azzjoni fir-rigward tal-Mitsubishi Lancer, qatt ma kienu gew sollevati, u konsegwentement decizi, in Prim Istanza. Effettivament din il-pregudizzjali tidher gustifikata nkwantu l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta tieghu a fol. 54 tal-process jitkellmu

dwar (a) il-fatt li l-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjeta` tispetta lir-rikorrent u (b) b'mod generali li l-intimat kien qieghed jopponi t-talbiet kontenuti fir-rikors. In vista ta' dawn l-eccezzjonijiet l-ewwel Qorti kienet pienament gustifikata li tillimita l-indagini taghha ghal dak li huwa rikjest mill-Artikolu 22C tal-Kap 101 inkwantu dan l-artikolu jitkellem dwar revoka ta' konfiska ta' proprjeta` mobbli jew immobbli meta jirrizulta provenjenza lecita. Infatti l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk "F'dan il-kaz ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-proprjeta` mobbli jew immobbli konfiskata ma kienetx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht il-Kap 101 u lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk."

Ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti kien konformi ma' dak li l-kontendenti kienu qed jissottomettu in Prim Istanza billi fil-waqt li r-rikorrenti appellati kienu qed jippremettu fir-rikors promotur illi huma "*jistghu juru illi din il-proprjeta` kollha giet akkwistata b'mezzi u minn fonti illi ma ghandhom x'jaqsmu xejn mat-twettieq ta' xi offiza taht il-Kap 101*" u dan b'riferenza diretta u specifika ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 22C ta' l-Ordinanza, u sahansitra t-talba taghhom kienet konformi ma' dan l-istess artikolu; fir-risposta tieghu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija donnu accetta li l-Artikolu 22C kien applikabbli ghall-kaz in ezami u li konsegwentement l-konfiska kienet saret a tenur tal-provvedimenti tas-subinciz (d) tas-subartikolu 3A ta' l-Artikolu 22, inkwantu kien qed jigi eccepit li l-prova li dawk l-effetti tar-rikorrenti ma kienux rizultat ta' profitti minn xi reat skond l-Ordinanza kienet tispetta lir-rikorrenti u konsegwentement l-istess intimat kien qieghed jaccetta l-applikabilita` tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 22C ghall-kaz in ezami.

Bl-ewwel aggravju sollevat mill-appellanti d-difiza tal-Kummissarju tal-Pulizija qed tigi kompletament spostata billi issa qed jinghad, kuntrarjament ghal dak li kien gie sottomess fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur, li l-azzjoni odjerna lanqas biss ma kienet proponibbli stante li l-proprjeta` konfiskata kienet hekk konfiskata a tenur tas-subinciz (a) tas-subartikolu 3A ta' l-Artikolu 22 ta' l-

Ordinanza. Dan jidher billi issa qed jigi sottomess li l-proprjeta` hekk konfiskata kienet giet uzata "*biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbiegh jew tigi traffikata*" il-haxixa tal-Cannabis u li, konsegwentement, il-konfiska ordnata mill-Qorti saret a tenur tas-subinciz (a) tas-subartikolu 3A ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza, liema konfiska mhux azzjonabbli u ghalhekk l-azzjoni ma kenitx proponibbli nkwantu l-Artikolu 22C huwa maghmul espressament applikabbli ghall-kazi ta konfiska taht is-subinciz (d) tas-subartikolu 3A ta' l-Artikolu 22.

Ezaminati l-atti din il-Qorti tikkondividi u, konsegwentement, taghmel taghha s-sottomissjoni ta' l-appellati fis-sens li fi stadju ta' appell il-kawza ghandha tigi kontestata fuq l-istess talbiet u eccezzjonijiet illi jkunu gew trattati quddiem il-Prim Istanza ghaliex altrimenti dik mill-partijiet illi tkun qeghda hekk tissolleva talbiet jew eccezzjonijiet godda tkun qed tiehu vantagg illecitu u indebitu fil-konfront tal-parti l-ohra.

Apparti dan kollu, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-aggravju fir-rigward ta' l-applikabilita` ta' l-Artikolu 22C kellu jigi ammess, minn ezami ta' l-atti processwali jidher li dan l-aggravju mhux gustifikat. Infatti jirrizulta, mhux kontestat, li l-ordni ta' konfiska moghti mill-Qorti ta' Gustizzja Kriminali kien jirrifletti kelma b'kelma dak li hemm provdut fis-subinciz (d) tas-subartikolu 3A ta' l-Artikolu 22 billi ordnat "*il-konfiska favur il-Gvern ta' <u>kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra u tal-proprjeta` immobbli kollha ta' l-imsemmi Bernard sive Benny Xerri ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat fit-23 ta' Gunju 1994 ghaddiet ghand terzi persuni.</u>*" Dan il-provvediment mhux biss jirriproduci l-kliem tal-ligi kif kontenuti fis-subinciz (d) tas-subartikolu 3A ta' l-Artikolu 22 talli jikkuntrasta b'mod lampanti ma' kull ordni iehor li seta' nghata a tenur tas-subinciz (a) ta' l-istess subartikolu. Dan ghaliex meta tigi ordnata l-konfiska ai termini tas-subinciz (a) imsemmi, jkun mehtieg li l-Qorti tindika specifikatament <u>dik il-proprjeta</u>` li kienet qed tigi konfiskata inkwantu tali proprjeta` "*giet uzata biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbiegh jew tigi traffikata, dik il-medicina …*" u mhux tordna l-konfiska tal-proprjeta`

kollha indiskriminatament anke jekk tali proprjeta` ma kenitx intuzat fl-ezekuzzjoni tar-reat.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux ammissibbli u fi kwalunkwe kaz qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Il-pregudizzjali sollevata mill-appellati tikkoncerna wkoll it-tieni aggravju u cioe` fejn jinghad li t-talba tar-rikorrenti, nkwantu tikkoncerna l-karozza "Mitsubishi Lancer" hija fuori termine. Illi f'dan ir-rigward l-appellati qed isostnu wkoll li dan l-aggravju jammonta ghall-eccezzjoni gdida intavolata fi stadju ta' l-appell u dan billi din il-kwistjoni qatt ma giet sollevata quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza la fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u lanqas fin-nota ta' l-osservazzjonijiet. Fi kwalunkwe kaz qed jigi sottomess mill-appellati li mir-rizultanzi processwali din l-eccezzjoni/aggravju mhux gustifikata.

Huwa minnu li fir-rikors promotur intavolat fit-30 ta' Ottubru 1996 il-karozza Mitsubishi Lancer ma tissemmiex billi t-talba hemm kontenuta hija indirizzata lejn il-konfiska tad-dar 80/81 Pjazza Vittorja, Xaghra u zewg kontijiet bankarji. Biss jirrizulta li fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 1997[1] id-difensur tar-rikorrenti appellati iddikjara li t-talba ghar-revoka tal-konfiska "*tirrigwarda wkoll il-karozza Mitsubishi Lancer K-6013*." Din id-dikjarazzjoni jidher li giet accettata kemm mill-Qorti, li effettivament fis-sentenza ittrattat din il-karozza bhala formanti parti mill-mertu tar-rikors u ppronunzjat ruhha fuqha; kif ukoll mill-kontro parti li ma resqet ebda opposizzjoni ghal din il- korrezzjoni tar-rikors promotur la fl-udjenza u lanqas fin-nota ta' 'riljevi' pprezentata fl-10 ta' Mejju, 1999. Jidher ghalhekk li din l-eccezzjoni gdida hija tardiva u ma ghandhiex tigi ammessa lanqas bil-mod kif giet intavolata bhala aggravju.

Il-Qorti tosserva pero` li anke f'dan il-kaz din l-eccezzjoni ossia aggravju mhux gustifikat billi is-subartikolu (2) ta' l-

1 Ara fol. 153/154 tal-process.

Artikolu 22C tal-Kap 101 jiddisponi espressament li "*Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konklussiva,*" Issa jirrizulta li s-sentenza tal-Qorti Kriminali li ordnat il-konfiska saret finali u konklussiva bid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kriminali) liema sentenza giet moghtija fit-2 ta' Ottubru, 1997. Ghalhekk meta saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti appellati fid-9 ta' Ottubru, 1997 fir-rigward tal-Mitsubishi Lancer it-terminu ta' tlett xhur certament ma kienx ghadu skada minn meta s-sentenza li ordnat il-konfiska saret finali u konkluzziva.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija dan l-aggravju jirrizulta mhux biss mhux ammissibbli izda fi kwalunkwe kaz mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

In extremis l-appellant qed jissottometti li s-sentenza appellata applikat kriterju permissiv wisq ghar-rigward ta' dak li ghandu jkun tenut li jipprova min iressaq azzjoni skond l-Artikolu 22C tal-Kap 101. Ghal din is-sottomissjoni l-Qorti tosserva li in linea generali mhux kompitu taghha li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li b'dak l-apprezzament tkun saret ingustizzja ma' xi parti jew ohra. Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qort hija tal-fehma li l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien bilancjat u realistiku u konsegwentement ma ghandux jigi disturbat. B'dana kollu din il-Qorti tosserva li t-'test' rikjest mill-Artikolu 22C ma jirrikjedix prova tal-profitti li l-hati seta' ghamel minn negozju tas-sustanza projbita, ghalkemm anke f'dan il-kaz hemm dikjarazzjoni espressa u mhux kontestata maghmula mir-rikorrenti li huwa qatt ma ghamel profitti minn dan in-negozju, izda li l-proprjeta` konfiskata "*ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta xi profitti jew dhul bhal dawk.*" Mill-atti processwali din il-

Qorti hija sodisfatta li l-provi prodotti jiggustifikaw il-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Dan l-aggravju wkoll ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez ta’ dan l-appell a karigu ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------